**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
**LIVELL PRIMARJU**
**FRAR 2016**

**IR-RABA' SENA** | **IR-RELIĠJON** | **IL-ĦIN: SIEGĦA u KWART**

L-Isem u l-kunjom: ____________________________ Il-Klassi: _______

Marka Totali
________
100

**A. Qabbel l-ewwel kolonna mat-tieni kolonna.**
**L-ewwel waħda lesta.** **(10 marki)**



| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | *Il-post minn fejn jinqara l-qari fil-quddiesa hu* | | f'xi festa. |
| 2 | Il-qniepen isejħulna biex nifirħu | | f'inbid. |
| 3 | Nidħlu fil-familja t'Alla meta nirċievu | | Appostli. |
| 4 | San Ġużepp kien jagħmel xogħol ta' | *1* | *l-ambone.* |
| 5 | Fit-tieġ ta' Kana, Ġesù biddel l-ilma | | Ġesù. |
| 6 | L-akbar ħaġa li nagħmlu fil-knisja hi | | Publiju. |
| 7 | Ġuda, Pietru u Ġwanni kienu | | l-ħajja. |
| 8 | L-ewwel isqof ta' Malta kien jismu | | l-Magħmudija. |
| 9 | Ir-Ragħaj it-Tajjeb tagħna huwa | | l-quddiesa. |
| 10 | L-ewwel Papa kien | | mastrudaxxa. |
| 11 | Lill-Knisja l-Ispirtu s-Santu jagħtiha | | San Pietru. |

**B. Aqta` sing taħt it-tajba. (10 marki)**

***Eżempju:* *Il-katakombi kienu (qaddisin,* <u>*ċimiterji mħaffrin taħt l-art,*</u> *knejjes).***

1. Kull nhar ta' Ħadd aħna mmorru ( l-bandli, l-knisja, l-baħar).

2. Aħna mmorru nqerru biex ( nerġgħu nsiru ħbieb ta' Ġesù, ngħidu kelma, inpinġu ftit ).

3. Kappelli huma ( knejjes kbar fl-għelieqi, knejjes żgħar, djar ).

4. San Pawl, wara li gidmitu l-lifgħa ( beda jibki, ma ġralu xejn, tgħidx kemm werżaq ).

5. Insibu l-ġrajja ta' San Pawl ( fl-Atti tal-Appostli, fl-Evanġelju, fil-ktieb tal-Ingliż ).

6. Ġesù għażel tnax-il raġel, sejħilhom ħbieb u għamilhom ( Appostli, mastrudaxxi, suldati tiegħu ).

7. Il-Papa li għandna llum jismu ( San Pawl, Sant'Antnin, Franġisku ).

8. Il-Knisja twieldet ħamsin jum wara li Ġesù qam mill-mewt, nhar ( il-Ġimgħa l-Kbira, Għid il-Ħamsin, ta' xogħol ).

9. San Pietru, darba qal, "Aħna l-ewwel nobdu ( lil Alla, lill-ħbieb, lil ħutna ), imbagħad lill-bnedmin".

10. ( San Mikiel, Vincenzo Bugeja, San Ġorġ Preca ) beda l-M.U.S.E.U.M.



**Ċ. Imla l-vojt bil-kliem li ġej. L-ewwel waħda lesta. (10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ~~parroċċa~~ | salib | it-tagħlim | tpinġijiet |
| dgħajsa | il-katakombi | il-mejtin | fjuri |
| L-Imdina | ċimiterji | pellikan | |



L-ewwel parroċċa f'Malta kienet fl-inħawi tal-Imdina u tar-Rabat. ____________________ kienet il-belt il-kbira ta' Malta; kienet il-post fejn kien hemm l-aktar nies. Madwar ir-Rabat u l-Imdina, fadal ħafna affarijiet antiki li bihom insiru nafu aħjar l-istorja ta' Malta.

Qabel xejn insibu ____________________; dawn kienu bħal ____________________ mħaffrin taħt l-art. F'dawn il-katakombi, l-Insara tal-bidu kienu jidfnu ____________________ tagħhom. Fil-katakombi, l-Insara Maltin kienu jagħmlu ____________________ li jfakkruhom f'Ġesù u ____________________tiegħu. Kienu jpinġu xi ____________________, ħamiema jew ____________________, kuruna tal-____________________, jew ____________________ fil-baħar.

D. **Immarka jekk hux Tajjeb jew Ħażin. Ara l-eżempju.** **(10 marki)**



| | | Tajjeb | Ħażin |
|---|---|---|---|
| | *Eż: Ngħin fil-faċendi tad-dar.* | ✓ | |
| 1 | Noqgħod intellef waqt il-quddies. | | |
| 2 | Fil-qrar nitlob maħfra lil Alla | | |
| 3 | Ngħin lil xi anzjana taqsam it-triq. | | |
| 4 | Nisraq il-gomma tal-ħabib tiegħi. | | |
| 5 | Tlabt għan-nannu ta' sieħbi għax ma jiflaħx. | | |
| 6 | Ġemmajt il-flus u tajthom għall-missjoni. | | |
| 7 | Għent lill-ġenituri jnaddfu d-dar mingħajr ma gergirt. | | |
| 8 | Narmi l-ikel li ma jogħġobnix. | | |
| 9 | Ngħid lil sħabi biex nilagħbu ma' xi ħadd li jkun waħdu. | | |
| 10 | Immur inżur lin-nanniet ta' spiss. | | |

## E. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet (5 marki)

Stiefnu kien Nisrani żagħżugħ, kellu qalbu tajba ħafna u kien jieħu ħsieb il-fqar. Kien jitkellem ma' kulħadd fuq Ġesù. Il-kbarat riduh jieqaf ukoll, imma hu baqa' jgħallem.



1. Lil min kien jieħu ħsieb Stiefnu?

______________________________________________

2. Fuq min kien jitkellem l-aktar?

______________________________________________

3. Il-kbarat riduh jieqaf jgħallem fuq Ġesù. Stiefnu obda minnhom?

______________________________________________

4. Kif miet Stiefnu?

______________________________________________

5. Għaliex lil Stiefnu nsejħulu l-ewwel martri?

______________________________________________

## F. Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi. (5 marki)

1. ________________________ ikomplu x-xogħol tal-Appostli.
2. L-Arċisqof huwa r-ragħaj tal-________________________.
3. L-Arċisqof ta' Malta jismu ________________________.
4. Ġesù huwa r- ________________________ tagħna.
5. Il-mexxej tal-Knisja fid-dinja huwa ________________________.




## G. Semmi: (5 marki)

1. Xi ħadd Malti li għen lil  min kien fil-bżonn:

________________________________________

2. Post li fih insibu missjunarji Maltin:

________________________________________

3. Post f'Malta li fih mar San Pawl:

________________________________________

4. Il-post fejn jinżamm Ġesù Sagramentat:

________________________________________

5. Xi ħaġa li nagħmlu fil-knisja:

________________________________________

**Ġ. Poġġi n-numru t-tajjeb fejn l-istampa t-tajba. L-ewwel waħda hija lesta. (10 marki)**

1. Fonti
2. Artal
3. Pitturi
4. Konfessinarju
5. Qniepen
6. Statwi
7. Tabernaklu
8. Via Sagra
9. Ostji
10. Kalci
11. Ambone









1 













## GĦ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek. (10 marki)



1. Aħna meta nidhru l-aktar li aħna l-familja ta' Alla?

_______________________________________________

2. Kif insejħulha l-knisja li fiha niltaqgħu?

_______________________________________________

3. Liema Appostlu ġera mad-dinja biex ixerred il-Knisja ta' Ġesù?

_______________________________________________

4. Liema hi l-aktar ħaġa sabiħa li għandna fil-familja tagħna?

_______________________________________________

5. X'kienu jagħmlu l-Insara tal-bidu biex jgħinu lill-foqra?

_______________________________________________

H. **Ikteb x'għandek tagħmel bħala Nisrani/ja f'dawn is-sitwazzjonijiet.**

**(10 marki)**

*Eż. Il-ħabib tiegħek marid u mhux jiġi skola.*

***Jien immur narah u ngħidlu x'għamilna fil-klassi.***



1. In-nanna rċeviet ittra u ma tafx taqraha.

Jien ______________________________________________

2. Jien għidt gidba fuq il-ħabib tiegħi.

Jien ______________________________________________

3. Charles nesa l-ħobż id-dar u m'għandux x'jiekol.

Jien ______________________________________________

4. Marjo seraq il-gomma ta' Pawlu.

Jien ______________________________________________

5. Il-mama` talbitek tmur tixtrilha mingħand tal-ħaxix.

Jien ______________________________________________

## Ħ. Min qal dan il-kliem? (5 marki)

1. Aħna nobdu l-ewwel lil Alla, mbagħad lill-bnedmin.

   ______________________________

2. Intom ilkoll aħwa.

   ______________________________

3. Bil-lejl deherli anġlu u qalli li ser naħbtu ma' gżira.

   ______________________________

4. Jien hu r-Raħaj it-Tajjeb tagħkom.

   ______________________________

5. Agħmlu kull ma jgħidilkom Hu.

   ______________________________

I. Ikteb <u>ħames</u> (5) sentenzi fuq wieħed minn dawn. (10 marki)

**L-Ispirtu s-Santu** *jew* **Fid-Dar tal-Familja t'Alla**





______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

TMIEM IL-KARTA